

# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 15

## PERSUNAĠĠ SIEKET FIR-RUŻARJU

Bħal dejjem sieket u fis-satra, hekk ukoll fir-Rużarju nsibu lil Ġużeppi ta' Nazaret.

Niltaqgħu miegħu fil-Misteri tal-Ferħ – il-ġrajja tal-Infanzja ta' Ġesù. Ġużeppi l-Ħarries tal-Inkarnazzjoni. Żewġ il-Verġni Marija, il-Missier Legali tal-Iben ta' Alla magħmul bniedem. Qatt ma jingħad li ħadem xi miraklu imma għal qdusitu x'itgħid?
'Kull par għal paru' u
'Ma' min rajtek xebbaħtek' !

Lejh Marija, s-Sultana tas-Sema u tal-Art kienet tqimu b'qima ta' żewġha kast.
Lejh, l-Iben ta' Alla, kellu rispett u s-sottomissjoni ta' iben.
Illum, fil-Ġenna, kull xewqa, kull talba ta' Ġużeppi ma titqiesx bħala talba, imma bħala kmand.
Bħal f'Nazaret u bil-wisq aktar issa fis-Sema, Ġużeppi hu mismugħ fit-talb kollu tiegħu li jressaq għad-devoti tiegħu.

## IL-KNISJA TĦOBBU WISQ

1870: Il-Beatu Papa Piju IX ħatru Protettur tal-Knisja.

Il-Papa Piju XI ħatru Ħarries kontra l-Komuniżmu.

Il-Papa Piju XII fl-1955 għażlu bħala l-Protettur tal-Ħaddiema.

l-Papa Ġwanni XIII, qaddis, bħala l-Harries tal-Konċilju.

Il-Papa Ġwanni Pawlu II, qaddis, kiteb l-Enċiklika dwaru il-Redemptoris Custos.



Il-Papa Franġisku, devot kbir tiegħu, inkludih fit-Talba Ewkaristika tal-Quddiesa.

## Kont taf ?

li kellek tidħol fl-appartament tal-Papa Franġisku, f'Santa Marta, fil-Vatikan, fuq mejda ssib statwa ta' San Ġużepp Rieqed u taħtha xi ittri jew karti oħra?
Iva, jużaha din l-istatwa bħala paper-weight.
Taf għaliex juża din ix-xbiha partikulari?
Għax San Ġużepp, fil-Vanġeli, l-ispirazzjonijiet irċevihom waqt l-irqad.
'La tibżax Ġuzeppi tieħu lil Marija b'martek għax dak li seħħ fiha huwa bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu'
'Qum Ġużeppi u itlaq lejn l-Eġittu għax Erodi ....'
Hekk ukoll meta ġie mgħarraf jirritorna lejn il-Palestina.

Meta l-Papa Franġisku jkollu ittri jew problemi jaħarqu, jħallihom taħt San Ġużepp Rieqed biex jeħodlu ħsiebhom hu.

**Kos, setgħani u rieqed, aħseb u ara meta jistembaħ u jqum !**